**Ifflittjali**

Narak iddur miegħi
Wieqaf jien ma noqgħodx,
B'għajnek tħares lejja
Tkellimni, ma tiskotx.

Il-freskezza tiegħek
Li toħroġ m'imnfsejk,
Kif tgħattini kollni
U dan quddiem għajnejk.

Hemm min qalagħhieli
"Patri Flitt" għax nużak,
Imma nista' nċaħħad
Min lilek qed jafdak?

Jaħasra hekk minnek
Qed toħroġ tant barka,
Ajma!, l-aktar f'daż-żmien
Fejn tant tinħass saħta.

Għax jekk naħsbu f'kollox
U lil Ġesù ninsuh,
Mhux ovvja tant taħwid
Li jinfed bosta qlub?

Ejja, ifflittjali
Issa, b'xagħri pulit,
Irrid flitjatura
Milli nsir it-tapit;

Tal-ħażen hekk kiefer
Li ma jaħfirilhix,
Aħsilni w nitfejjaq
Biex nifraħ issemmix.

Ħa nieqaf, il-ħin sar
X'nagħmel tant baqagħli,
Ma tagħmilx ħażin jekk
Terġa' tifflittjali.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jsta' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.